**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Frar 2025

Rikors Ġuramentat: 113/22AL

**R A S**
**(KI 54775M)**

**vs.**

**B A**
**(K.I. 321475M)**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1242/2003)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attrici li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) fil- Knisja Parokkjali ta' Hal Kirkop u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ mmarkat Dok A.

2. Illi min dan iż-żwieġ twieldu zewg ulied: X A S, illi twieled nhar il- hamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u Y A S illi twieldet nhar nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati tat-twelid, mmarkati Dok Bu Dok C. Iż-żewġ ulied għadhom minuri.

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli peress illi l-intimat sar hati ta' adulterju, sevizzi, eċċessi, minaċċi u ingurji gravi lejn martu l-esponenti, u għalhekk 1-hajja tal-kontendenti flimkien m'għadhiex aktar possibbli minħabba illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment bi ħtija tal-istess intimat.

4. Illi l-esponenti ġiet awtorizzata illi tipproċedi b'din il-kawża permezz ta' digriet ta' din 1-Onor. Qorti datat l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), kopja tal-istess tinsab hawn annessa u mmarkata Dok D.

5. Illi r-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u għalhekk kellha ssir din il- kawża bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din 1-Onor. Qorti jidrilha huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, jogħġobha:

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi A u A S għar-raġunijiet u tortijiet imputabbli esklussivament premessi imputabbli lill-intimat.

2. Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment ghalih mingħand l-esponenti skond il-Liġi.

3. Tiffissa u tillikwida retta alimentari għar-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex ihallas tali retta alimentari lilha, bili jigi depożitat f'kont bankarju indikat minnha.

4. Tiddikjara xjolta il-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni, mhux ugwali b'tali mod illi tigi stabbilita' data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn

kull akkwist tar- rikorrenti, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi jekk ikun hemm il- ħtieġa u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-intimat fl-eventwali kontumačja fuq l-istess att

5. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti id-dispożjonijiet tal-artikolu 48 sa 53 tal-Kodiči Čivili.

6. Tiddikjara illi l-attrici hija kreditriċi tal-intimat, tillikwida tali krediti, u tordna illi 1-intimat ihallas lill-attrici tali krediti, bl-imgħax skond il-liġi.

7. Tordna lill-intimat jikkonsenja lill-attrici skond il-każ il-propjeta parafernali tagħha skond il-każ.
8. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri X A S u Y A S f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill- minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha, attivitajiet extra-kurrikular, safar u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta' passaporti, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat.

9. Tordna illi l-attriċi tingħata is-setgħa ta' esklussiva ta' ġenitur ghal dak kollu li jikkončerna il-minuri X A S u Y A S.

10. Tordna illi r-residenza tal-minuri X A S u Y A S tkun mal-omm.

11. Tordna illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna sočjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri X A S u Y A S jingħata lir- rikorrenti.

12. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jaghlqu it- tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il- manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u kif ukoll ihallas is-sehem tieghu fir-rigward tal-ispejjeż tal-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.

13. Tordna li l-imsemmi manteniment, kemm tal-ulied kif ukoll tar-rikorreni, jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien u/jew tapplika in parte

jew in toto, id- disposizzjonijiet tal-Artikolu 54(5) u/jew tal-Artikolu 54(8) tal-Kodiči Čivili fir- rigward tal-hlas tal-manteniment.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta gurametata tal-konvenut fejn eccepixxa :

1. Illi stante li l-intimat B A mhux prezenti Malta, huwa inkariga lil missieru Anthony A, bhala prokuratur sabiex jirrappreżentah għal kull interess legali li huwa ghandu I'dan il-kawża. Kopja tal-prokura hija hawn annessa u immarkata bhala dok "A".

2. Illi preliminarjament l-intimat esponenti jagħmilha carha illi din ir-risposta u l- kontrotalba qiegħdin jigu prezentati mingħajr pregudizzju ghal ecceżżjoni preliminari tiegħu li l-Qrati ta' Malta ma humiex il-forum kompetenti fejn għandha tigi deciza s-separazzjoni bejn il-partijiet. Stante li din ir-risposta ghat-talba attriċi hija nečessarja, bl-ebda mod ma l-intimat għandu jitqies li l-parteċipazzjoni tieghu f'din il-kawża isservi bhala aċċettazzjoni għal-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta. Huwa qiegħed jippreżenta risposta u kontro-talba biss sabiex jippreserva d-drittijet tiegħu fil-każ li huwa jkun kostrett jaċċetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

3. Illi qabel ma jidhol funditus fuq l-eċċezzjoni tal-gurisdizzjoni, l-esponenti jispecifika li huwa ma kienx notifikat bil-procedura kif titlob il-liġi u għaldaqstant huwa jsostni li huwa ghadu mhux formalment notifikat. Huwa sar jaf bil-proċeduri preżenti wara lil-avukata tal-attrici bghatet email lilu bil-kundizzjonijiet ghal-ftehim barra l-Qorti. Din l-email intbghatet wara li kien ippreżentat ir-rikors promutur.

4. Illi l-esponenti umilment jeċepixxi illi t-talbiet attrici ma jistgħux jigu ikkunsidarti mill-Qrati Maltin u dan ghaliex l-ebda waħda mill-instanzi imsemmija fl-artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta ma tavvera ruliha fil-każ de quo. Ili kif ser jigi ipprovat, l-intimat, għalkemm huwa cittadin Malti, stabilixxa d-domicilju tieghu ġewwa r-Renju Unit u ma hemmx ċans, lanqas wiehed remot, li jerggha jigi jabita lura Malta. Intant, l-intimata kienet tghix mal-intimat ghal tnax-il sena fl-istess Renju Unit. Hija telqet mir-Renju Unit biss is-sena l-ohra u mal-wasla taghha f'Malta ipproċediet b'separazzjoni personali. Dan huwa tentattiv ta' forum shopping minn naha tal-attriċi, stante li l-Qorti li għandha s-setgha tisma' l-kawża hija dik fejn jabita l-intimat, ossia, dik fir-Renju Unit.

5. Illi l-esponenti filwaqt li jżomm fis-shih l-eċċeżżjoni preliminari tiegħu li din l- Onorabbli Qorti ma ghandiex l-ġurisdizzjoni tiddeċiedi t-talbiet attrici, huwa ser jippreżenta r-risposta tiegħu ħalli dik tkun ikkunsidarati minn din l-Onorabbli Qorti fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti joghġobha tiddikjara li hija għandha 1- ġurisdizzjoni neċessarja sabiex tisma din il-kawża.

6. Illi l-esponenti jilqa' għal dak li huwa allegat mill-attriċi u dan ghaliex it-talbiet tal- istess attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Huwa tal-umli fehma li l- pretensjonijiet tal-attriċi ghandhom jkunu respinti fl-intier tagħhom bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

7. Illi għalkemm huwa minnu li l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli, mhux minnu li dan sar minħabba l-adulterju, is-sevizzi, eċċessi, minaċċi u ingurji gravi tal-intimat lejn l-attriċi, imma ż-żwieg tkisser minhabba ghar-raġunijiet imputtabbli lil attriċi, liema raġunijiet jinkludu l-fatt li l-attriċi irrendiet il-ħajja matrimonjali impossibbli u dana billi kkawżat it-tifrik tal-istess żwieġ bejn il- partijiet.

8. Illi fil-każ biss li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li hija għandha 1- ġurisdizzjoni tisma' din il-kawża, huwa jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tilqa in parte l-ewwel talba, stante li, fil-każ li jkun kostrett jissottometti ruhhu ghal-ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, huwa ma għandux oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personnali bejn il-kontendenti, imma mhux ghar-raġunijiet u tortijiet imputabbli lejn l-intimat, imma għar-raġunijiet imputabbli lejn l-attriċi li ser jirriżultaw ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

ii. Tichad it-tieni talba, stante li ż-żwieġ tkisser ghar-raġunijiet imputtabli ghall-attriċi;

Tichad it-tielet talba, stante li din ma hijiex misthoqqa;

iv. Tilqa ir-raba' talba u tiddikjara il-komunjoni tal-akkwisti xolta u mhux b'mod ugwali, imma b'tali mod illi tiġi stabbilita d-data minn meta l-attriċi jitqies li iddekadiet minn kull akkwist tal-esponenti;

V Tichad il-hames u s-sitt talbiet stante li ma humiex misthoqqa;

vi. Tichad is-sebgħa talba, stante l-attriċi hija libera tieħu l-oggetti kollha parafernali tagħha jew dawn huma diga fil-pussess tagħha;

vil. Tichad it-tmin u id-disgha talba stante li dawn mhux misthoqqa;

viii. Tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tal-għaxar talba, stante li diga kien hemm ftehim fuq dan, quddiem Qorti Ingliża:

ix. Tichad il-hdax-il talba, tant li l-intimata diga qed tirċievi dawn il-benefiċċji soċjali jew għajnuna sočjali li mogħtija mill-gvern u l-intimat dejjem ighin lil intimata sabiex tirċievi dawn;

Tichad it-tnax-il talba stante li l-missier diga qiegħed jhallas il-manteniment u dan mingħajr il-htiega ta' ordni tal-Qorti:

xi. Tichad it-tlettax-il talba u dana stante li tali talba ma hijiex necessarja, stante li huwa jikkontribwwixxi għat-trobbija tal-minuri u dan mingħajr il-ħtieġa ta' ordni ta' Qorti;

Salv eċċezzjonijiet ohra ulterjuri fil-fatt u fid-dritt

Bl-ispejjeż u taht dawn il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti u l-provi prodotti;

Rat in-nota ta’ cessjoni tal-attrici R A S datata 6 ta’ Dicembru, 2024 li permezz taghha cediet t-talbiet taghha kollha kif dedotti fir-rikors guramentat taghha, ghajr ghall-ewwel talba taghha, stante illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali nhar is-sittax (16) ta’ Awwissu 2024;

Rat illi l-ewwel talba attrici kienet sabiex il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi A u A S;

Rat illi r-rikorrenti kienet ipprezentat rikors fid-19 ta’ Settembru, 2023 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tordna illi t-talba taghha ghal separazzjoni personali titqies minflok bhala talba ghal pronunzjament ta’ divorzju u l-qorti kienet irriservat permezz ta’ digriet data 9 ta’ April 2024 li tipprovdi mal-gudizzju finali.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-attrici irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin sa mill-inqas mit-23 ta' Mejju 2022, id-data meta giet ipprezentata l-kawza;

Illi l-Qorti rat illi l-attrici ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tilqa' l-ewwel talba, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-oħra attrici stante li dawn ġew ċeduti, kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-ġudikat.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.